VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,729, 17 ta' Frar, 2017*
*Taqsima C*

# Nru. 193

17. 02. 2017

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, f'isem il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-28 ta' Ġunju, 2016.

**ATT biex jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, on behalf of the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, and read the First time at the Sitting of the 28th June, 2016.

**AN ACT to amend the Animal Welfare Act, Cap. 439.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Abbozz ta' Liġi**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2017 biex jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 439.

**2.** L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

"8. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex -

(a) jipprovdi għall-mod li bih dawk l-ispeċi jew kategoriji ta' annimali kif jiġi preskritt għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mħarrġa u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan;

(b) jipprovdi għall-mod u l-kundizzjonijiet li taħthom l-ispeċi jew kategoriji ta' annimali kif jista' jiġi preskritt għandhom ikunu miżmuma, inkluż -

(i) il-mod li bih annimali għandhom jiġu marbuta jew ristretti;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ii) il-mod li bih annimali għandhom jiġu segregati abbażi tal-età, is-sess jew l-ispeċi;

(iii) l-ispazju li kull annimali għandu jiġi provdut bih;

(iv) għal dak li jirrigwarda l-iġjene tal-annimal, il-post li fih jinżamm u l-miżuri li bihom jiġu assigurati s-saħħa u s-sigurezza tal-annimal;

(ċ) jipprovdi għall-elenkar tal-kategoriji u l-ispeċi tal-annimali li għalihom japplikaw ir-regolamenti; u

(d) jipprovdi għal kull ħaġa oħra li tista' jew għandha tkun preskritta taħt dan l-Att.

(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.

(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq ta' dak l-annimal.

(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.".

Tħassir tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan u r-raġuni prinċipali ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu għal aktar miżuri adegwati sabiex jitħares it-trattament xieraq tal-annimali.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A Bill**
**entitled**

*AN ACT to amend the Animal Welfare Act, Cap. 439.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Animal Welfare (Amendment) Act, 2017, and this Act shall be read and construed as one with the Animal Welfare Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Short title.

Cap. 439.

**2.** Article 8 of the principal Act shall be substituted by the following:

Substitution of article 8 of the principal Act.

"8. (1) The Minister may make regulations -

(a) providing for the manner in which such species or categories of animals as may be prescribed shall be cared for, fed, watered, treated and trained, and the qualifications of persons who shall be responsible therefor;

(b) providing for the manner and conditions under which species or categories of animals as may be prescribed are to be kept, including -

(i) the manner in which animals shall be tied or tethered;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ii) the manner in which animals shall be segregated according to age, sex, or species;

(iii) the space which animals shall be allowed;

(iv) for matters relative to the hygiene of the animal, its housing and other measures to ensure the health and safety of the animal;

(c) providing for the listing of the categories and the species of animals for which the regulations are applicable; and

(d) providing for any other matter that may or is to be prescribed under this Act.

(2) Animals shall not be caused any unnecessary pain, suffering or distress and no animal shall be abandoned.

(3) Any person who keeps any animal or who agrees to look after an animal shall be responsible for its health and welfare.

(4) Any person shall take such steps as are reasonable in all the circumstances to ensure that the needs of an animal for which he is responsible or which he agrees to look after shall be met to the extent required by good practice and in pursuance of the good health and well-being of the animal. For the purposes of this sub-article, animal needs include the provision of suitable environment, provision of a healthy diet, allowance for the animal to exhibit normal behavioural patterns, provision of suitable housing, segregation from other animals where necessary and protection from pain, suffering, injury and diseases.".

Deletion of article 10 of the principal Act.

**3.** Article 10 of the principal Act shall be deleted.

---

**Objects and Reasons**

The main objects and reasons of this Bill are to provide for further adequate measures in order to safeguard animal welfare.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**